



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13805/18

UEM 343

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE
dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali
fir-rigward tal-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2018 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank (BĊE/2018/25)¹,

¹ ĠU C 394, 30.10.2018, p. 1.

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' De Nederlandsche Bank, Deloitte Accountants B.V., ser jiskadi wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2018. Għalhekk huwa neċessarju li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2019.
- (3) De Nederlandsche Bank għażel lil KPMG Accountants N.V. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2019 sa 2022, bl-opzjoni li l-mandat jiġi estiż fuq bażi annwali sas-sena finanzjarja 2025.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li KPMG Accountants N.V. jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2019 sa 2022, bl-opzjoni li l-mandat jiġi estiż fuq bażi annwali sas-sena finanzjarja 2025.
- (5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE¹ tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69); Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01 Volum 003, P. 65.

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 8 hu sostitwit b'dan li ġej:

"8. KPMG Accountants N.V. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2019 sa 2022."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊE.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
